TRIBUNAL INDUSTRIJALI

DECIZJONI NRU. 1636

KAZ NRU. 1747

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Gordon Mizzi

u

Consolidated Holdings Ltd., The General Soft Drinks Co. Ltd., Titan Int. Ltd., Mizzi Ltd., Mizzi Holdings Ltd., Mizzi Bros. Ltd., Festa Ltd., St. Paul's Court Ltd., Continental Cars Ltd., Mizzi Insurance Agency Ltd., Russian Motors Ltd., Nissan Motor Sales Ltd.

dwar tkeccija mill-impieg allegata li hi ngusta

Data : 10 ta' Ottubru 2005.

Chairman : Is-Sur George Borg Cardona

It-Tribunal jirreferi ghad-Decizjoni Preliminari Numru 1488 li ta fit-23 ta' Frar 2004 fejn iddikjara li jillimita ruhu biex jisma sottomissjonijiet dwar xi drittijiet li seta' kellu l-appellant ghal risponsabbiltajiet fit-tmexxija ta' Mizzi Insurance Agency u, jekk ikun il-kaz, ta' xi kumpaniji sussidjarji ohra.

It-Tribunal ikkunsidra s-sottomissjonijiet tal-partijiet u rrefera ghad-dokumenti prezentati u x-xhieda li nghatat qabel id-Decizjoni Preliminari.

Jirrezulta li l-appellant kien qed jircievi hlas ta' Lm 5000 fis-sena ghar-risponsabbiltajiet li kellu bhala direttur manigerjali ta' Mizzi Insurance Agency. Din' fi Frar 2000 itterminat il-Kuntratt ta' Agency ma Middlesea Insurance plc, waqfet tipprovdi poloz godda u bdiet il-*claims run off period.* B'ittra datata 25 ta'Ottubru 2000 l-appellant gie nfurmat li kien se jithallas ghall-ahhar darba ghax-xahar ta' Settembru 2000 minhabba li l-kumpanija kienet waqfet topera. Il-Kumpaniji qalu li f'Settembru 2000 **kien kwazi wasal fl-ahhar *ir-run off period* izda ma qalux kemm kien fadal.**

Gie stabbilit li l-appellant waqaf jithallas f'Ottubru 2000 ghal risponsabbiltajiet konnessi ma Mizzi Insurance Agency izda tnehha minn direttur manigerjali fis-19 ta' Dicembru 2002, aktar minn sentejn wara.

Il-Kumpaniji qalu li f'Settembru 2000 ***ir-run off period* kien kwazi wasal fl-ahhar** izda ma qalux kemm kien fadallu u anqas gabu provi meta dan spicca. Mizzi Insurance Agency, ghalkemm ma baqghetx topera fis-sens li waqfet tipprovdi poloz godda ta' assigurazzjoni, ma gietx likwidata sa meta tnehha minn direttur l-appellant.

It-Tribunal jikkonsidra illi r-risponsabbiltajiet ta' l-appellant naqsu meta ma baqghux jigu provduti poloz ta assigurazzjoni godda izda sa kemm baqa direttur manigerjali ta' kumpanija ezistenti baqa jgorr ir-risponsabbilta ghal dak li sar u ghall-obbligi li assumiet. Baqa jgorr ukoll dawk ir-risponsabbiltajiet u obbligi li jimponi fuq diretturi l-Att XXV ta' l-1995 li jirregola kumpaniji b'risponsabbilta limitata u socjetajiet kummercjali.

Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal jistma li l-appellant ghandu jithallas mill-Kumpaniji l-ammont ta' Lm 5500 (hamest elef u hames mitt lira) stmati fuq bazi ta' nofs l-ammont li kien ikun dovut lilu ghall-perijodu mill-ewwel ta' Ottubru 2000 sad-dsaghtax ta' Dicemmbru 2002. Jordna li dan il-hlas ghandu jsir mhux aktar tard mit-30 ta' Novembru 2005.

It-Tribunal ma jilqax it-talba ta' l-appellant dwar Mizzi Estates Ltd. ghaliex ma jirrezultax li kien isirlu hlas konness ma din il-kumpanija taht l-arrangamenti kif specifikati fid-Decizjoni Preliminari.

Ghall-finijiet ta' l-Avviz Legali Numru 48 ta' l-1986 jistabbilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' Lm 40 (erbghin lira).

B'hekk itemm din Il-Kwistjoni tax-Xoghol.

George Borg Cardona
Chairman

Mary Rose Galea
Segretarja